MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 1933/2004

**Jesmond Mifsud**

**Vs**

**Joseph Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta Ottubru 2004, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' elf u hamsa u disghin lira tnejn u tmenin centezmu (Lm1095.82) jew somma ohra verjuri rapprezentanti d-danni sofferti mill-istess attur fil-vettura tieghu tal-ghamla FIAT Bravo numru ta registrazzjoni JES 384 per konsegwenza ta incident stradali li sehh nhar il-14 ta Awissu 2004 fi triq San Martin, Mgarr, Malta ghal habta tat-3.00pm bejn il-vettura tal-attur misjuqa minnu stess u l-vettura l-ohra tal-ghamla Mitsubishi Pick-up numru ta registrazzjoni EAV 898 misjuqa mill-konvenut u liema incident sehh minnhabba it-

traskuragni u nuqqas ta osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali prezentata kontestwalment ma dana l-att kontra s-socjeta assikuratrici tal-konvenut Cordina Insurance Agency Ltd a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta Malta u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta dan l-avviz sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fit-28 ta Ottubru 2004 fejn ikkontesta r-responsabbilita tal-incident stradali in kwistjoni u kif ukoll ghadda biex intavola kontro-talba fejn talab li l-attur jigi ddikjarat responsabbli ghall-istess u konsegwentement jigi kkundannat ihallsu s-somma ta mitejn u sebgha u disghin lira hamsa u sebghin centezmu (Lm297.75) bhala danni sofferti fil-vetura tieghu mertu ta l-istess incident.

Ra l-prospett u l-ircevuti prezentati mill-konvenut fl-istess risposta u kontro-talba tieghu.

Ra r-risposta prezentata mill-attur fil-konfront tal-kontro-talba tal-konvenut datata 23 ta Novembru 2003 fejn giet kkontestata r-responsabbilita tieghu ghall-incident in kwistjoni.

Ra d-dokumenti esebiti mill-attur permezz ta nota datata 26 ta Settembru 2005 koncernanti s-survey u l-ircevuti relattivi ghal hsarat tal-vettura tieghu.

Ikkunsidrat.

Illi l-incident in kwistjoni sehh gewwa Triq San Martin l-Mgarr Malta f’telgha bejn zewg vetturi li kienu qed jinstaqu fid-direzzjoni opposta cioe bejn il-Pick up tal-konvenut li kien ghan-nizla u dik tal-attur li kienet ghat-telgha. Huwa sinifikanti r-rappurtagg tal-verzjonijiet tas-sewwieqa fir-rapport tal-warden 147 Ronnie Azzopardi kif konfermat bil-gurament tieghu. Il-konvenut huwa rappurtat li qal “I breaked and my van kept skidding and went into the opposite direction” filwaqt li l-attur ighid li “..when I saw

him coming in my direction, I stopped, the driver of the van was breaking and still came into the front of my car". Tali verzjonijiet jikkombacjaw ukoll mal-fatt li skond l-iskizz u x-xhieda tal-warden il-van halla brake marks warajh filwaqt li l-attur ma kellux.

Fix-xhieda tieghu l-attur Mifsud jikkonferma l-verzjoni li huwa kien ta mal-warden u jinsisti li kif ra l-van gej, huwa waqaf mal-gemb cioe gie "dead stop". Sema l-brakes tal-van pero ma rnexxielux jieqaf u tkaxkar ghal fuqu. Wara l-incident l-istess sewwieq tal-van ammetta mieghu li "skidjalu l-van ghal fuqi".

Fix-xhieda l-konvenut Camilleri jikkonferma li kien niezel mit-trieq in kwistjoni u li kien ibbrejkja kif ra lill-attur. Jghid ukoll li ma setax jintefa aktar mal-hajt minnhabba li fuq in-naha tieghu kien hemm borg gebel u jzid li minnhabba tali gebel zewg vetturi ma jghaddux. Jichad ghalhekk li kien qal certu diskors mal-warden u mal-attur. Pero in kontro-ezami joqrob ftit aktar lejn il-verzjoni li ta lil warden meta jghid li "lill-warden qatt ma ghidtlu li l-van tieghi skiddja izda zammejt il-brake u l-van baqa jitkaxkar bil-brake".

Illi meta wiehed jevalwa l-provi migjuba li fuqhom ma tantx jidher li hemm xi kontestazzjoni partikolari ghandu jirrizulta minghajr dubbju li l-incident in kwistjoni sehh minnhabba nuqqasijiet da parti tal-konvenut. Meta s-sewwieqa rispettivi lemhu lil xulxin ghall-ewwel darba, t-tnejn ighidu madwar vettura u nofs il-boghod, filwaqt li l-attur irnexxielu jieqaf kompletament fuq in-naha tieghu tat-trieq, il-konvenut mill-banda l-ohra tilef il-kontroll taghha il-ghaliex nonostante li ghafas il-brakes, fi kliemu stess "il-van baqa jitkaxkar bil-brake". Il-fatt li l-konvenut ighid li kien hemm borg gebel mal-gemb tat-trieq, dan jimmilita kontra tieghu peress illi jekk ma setax ighaddi komdu minnhabba fihom kien imessu waqaf qabilhom u halla lill-attur ighaddi u mhux jigbed aktar il-barra.

Il-valur tad-danni sofferti fil-vettura tal-attur jidhru ppruvati b'mod soddisfacenti oltre li ma tantx jidher li kien hemm xi kontestazzjoni dwarhom.

Ghaldaqstant It-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-incident in kwistjoni sehh unikament minnhabba tortijiet imputabbli ghall-konvenut u konsegwentement ghalhekk qieghed jichad il-kontro-talba tal-konvenut u l-eccezzjonijiet tieghu ghat-talbiet attrici u minnflok jilqa l-eccezzjonijiet tal-attur ghal kontro-talba tal-konvenut u fl-istess hin jilqa t-talbiet attrici u kwindi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma kif mitluba ta elf u hamsa u disghin lira tnejn u tmenin centezmu (Lm1095.82) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata tal-avviz u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kif rikjesti ghandhom jigu sopportati mill-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------